Nru./No. 20,355
Prezz/Price
€7.38

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020
Friday, 28th February, 2020

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1729 - 1753
Government Notices ..... *1729 - 1753*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1753 - 1755
Police Notices ..... *1753 - 1755*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 1756 - 1813
Employment Opportunities ..... *1756 - 1813*

Avviżi tal-Gvern ..... 1813 - 1830
Notices ..... *1813 - 1830*

Offerti ..... 1831 - 1842
Tenders ..... *1831 - 1842*

Avviżi tal-Qorti ..... 1842 - 1888
Court Notices ..... *1842 - 1888*

Nru. 211

KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Delega ta' Ċerti Setgħat dwar is-Servizz Pubbliku

MILL-ONOREVOLI Dott. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prim Ministru.

BILLI l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li s-setgħa biex ineħħi u biex jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'karigi pubbliċi tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-istess artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kull waħda mis-setgħat hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew awtorità kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-25 ta' Marzu, 1966, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lill-Kummissarju tal-Pulizija ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'xi kariga fil-Korp tal-Pulizija;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat is-17 ta' Diċembru, 1996, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi ċerti setgħat ta' kontroll dixxiplinarju fuq persuni li jkollhom jew li jkunu jaġixxu f'kull waħda mill-karigi fil-gradi tas-Servizzi Korrettivi, sakemm ma jkunx fil-grad ta' Direttur, Servizzi Korrettivi;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat l-1 ta' Novembru, 1999, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat il-21 ta' Diċembru, 2004, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega liċ-Chief Executive Officer ta' Heritage Malta s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) fuq l-uffiċjali pubbliċi li jkunu allokati biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom ma' Heritage Malta;

No. 211

THE CONSTITUTION OF MALTA

Delegation of Certain Powers Respecting the Public Service

BY the Honourable Dr Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prime Minister.

WHEREAS article 110 of the Constitution of Malta provides that power to remove and to exercise disciplinary control over persons holding or acting in public offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the same article that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the Instrument of Delegation;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 25th March, 1966, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Commissioner of Police certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any office on the Malta Police Force;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 17th December, 1996, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Director, Correctional Services, certain powers of disciplinary control over persons holding or acting in any of the Correctional Services grades other than that of Director, Correctional Services;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 1st November, 1999, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 21st December, 2004, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Chief Executive Officer of Heritage Malta power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, over public officers detailed to perform duties with Heritage Malta;

U BILLI b'Dokument ta' Delega datat it-18 ta' Ġunju, 2014, il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega s-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju skont ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina), lill-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda tal-imsemmi Dokument, u sal-limitu li hemm fih indikat;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li d-Dokumenti hawn fuq imsemmija għandhom ikunu sostitwiti bid-delega ta' setgħat kif indikat hawn taħt;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinarju fuq l-uffiċjali pubbliċi, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (S.L.Kost.03) għandhom jiġu eżerċitati mingħajr l-ebda referenza għall-Kummissjoni mill-uffiċjali pubbliċi jew awtoritajiet elenkati fl-Iskeda ma' dan id-Dokument, sal-limitu hemm indikat fl-istess Skeda u bla ħsara għal xi dispożizzjonijiet speċjali f'dan ir-rigward, iżda:

(i) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tista' f'kull ħin tirrakkomanda lill-Prim Ministru sabiex dan id-Dokument ikun kollu kemm hu rtirat jew ikun irtirat għar-rigward ta' uffiċjali pubbliċi partikolari jew xi awtorità oħra; u

(ii) meta ssir rakkomandazzjoni bħal din, u sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuq rakkomandazzjoni bħal din, is-setgħa delegata permezz ta' dan id-Dokument għandha tkun sospiża kollha kemm hi, jew sospiża biss għar-rigward ta' xi uffiċjali pubbliċi partikolari jew awtoritajiet, kif jista' jkun stipulat fir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku.

U BILLI jien naqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIEN, ROBERT ABELA, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prim Ministru fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data hawn taħt imsemmija s-setgħat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandhom ikunu eżerċitati mill-uffiċjali pubbliċi jew l-awtoritajiet l-oħra elenkati fl-Iskeda ma' dan id-Dokument u għandhom ikunu hekk eżerċitati mill-imsemmija uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet l-oħra, sal-limitu li hemm fl-imsemmija Skeda u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċjali li hemm fiha, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

MOGĦTI bil-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta
illum it-28 ta' Frar, 2020

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 18th June 2014, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated power to exercise disciplinary control in accordance with the Public Service Commission (Disciplinary Procedure) Regulations, 1999, to the public officers and other authorities listed in the Schedule to the said Instrument, and to the extent indicated therein;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that the aforementioned Instruments of Delegation should be replaced by the delegation of powers set out hereunder;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to exercise disciplinary control over public officers, in accordance with the provisions of the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L.Const.03), should be exercisable without reference to the Commission by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, provided that:

(i) the Public Service Commission may at any time recommend to the Prime Minister that this Instrument of Delegation be totally withdrawn or withdrawn in respect of particular public officers or other authorities; and

(ii) upon such a recommendation being made, and until the Prime Minister acts upon such a recommendation, the powers delegated by this Instrument shall be suspended totally or only in respect of particular public officers or authorities, as may be stipulated in the recommendation made by the Public Service Commission;

AND WHEREAS I agree with the said recommendation:

NOW, THEREFORE, I, ROBERT ABELA, KUOM, BA, LLD, Adv., Trib., Melit., MP, Prime Minister, in exercise of the powers conferred by article 110 of the Constitution, do hereby direct that as from the date hereof, the powers which the Public Service Commission has recommended should be exercisable by the public officers and other authorities listed in the Schedule to this Instrument shall be so exercisable by the said public officers and other authorities, to the extent listed in the said Schedule and subject to any special provisions set out therein, and in accordance with the provisions of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Disciplinary Regulations.

GIVEN under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta
this 28th day of February, 2020

SKEDA MAD-DOKUMENT TA' DELEGA

L-uffiċjali pubbliċi u awtoritajiet oħra elenkati hawn taħt għandu jkollhom is-setgħa li jeżerċitaw kontroll dixxiplinarju, skont ir-Regolamenti tal-Proċedura tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (S.L.Kost.03) u d-Dokument ta' Delega li din l-Iskeda tagħmel parti minnha, mingħajr referenza lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fuq uffiċjali pubbliċi fl-oqsma tal-ġuriżdizzjoni tagħhom, u suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għalihom:

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Segretarju Permanenti Ewlieni	Fil-kapaċità ta' Kap tas-Servizz Pubbliku: (a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tiegħu stess; (b) Segretarji Permanenti, Kapijiet ta' Dipartiment, Diretturi Ġenerali u Diretturi, kif previst fir-regolament 8 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03); (c) uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 2; (d) uffiċjali pubbliċi fi kwalunkwe uffiċċju jew stabbiliment li ma jagħmlux parti minn Ministeru jew dipartiment tal-Gvern, kif previst fir-regolament 9 tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (L.S.Kost.03) Fil-kapaċità ta' Segretarju Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, taħt artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika: (a) uffiċjali pubbliċi oħra fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u d-dipartimenti li jaqgħu taħtu; (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru; (ċ) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (d) uffiċjali pubbliċi fis-segretarjat tal-Prim Ministru u Segretarji Parlamentari li jirrappurtaw lill-Prim Ministru	Is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista'jassenja ġuriżdizzjoni fuq kategoriji ta'uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, id-dipartimenti li jaqgħu taħtu, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, lis-Segretarji Permanenti maħtura biex jassistuh skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 14(6) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.
Segretarju tal-Kabinett	Uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Kabinett.	
Segretarji Permanenti	(a) uffiċjali pubbliċi fl-uffiċċju tagħhom stess; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-Ministeru tagħhom u d-dipartimenti li jaqgħu taħthom; (ċ) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru; (d) uffiċjali pubbliċi li qabel kienu jaqgħu taħt il-Ministeru jew id-dipartimenti li jaqgħu taħtu li jkunu ġew assenjati lil organizzazzjoni mhux governattiva; u (e) uffiċjali pubbliċi fis-segretarjat tal-Ministru u Segretarji Parlamentari li jirrappurtaw lill-Ministeru	

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Kummissarju tal-Pulizija	Uffiċjali tal-Pulizija u uffiċjali pubbliċi oħra assenjati mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali tal-pulizija m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti rilevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Kummissarju tal-Pulizija. Id-delega ta' awtorità għandha tiġi eżerċitata mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att dwar il-Pulizija (Kap. 164).
Kap Eżekuttiv, Dipartiment tal-Pulizija.	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fid-Dipartiment tal-Pulizija	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Diretturi Ġenerali, Diretturi, u uffiċjali pubbliċi oħra fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla, minbarra dawk elenkati x'imkien ieħor f'din l-Iskeda	Uffiċjali pubbliċi fit-taqsimiet, dipartimenti, direttorati jew uffiċċji tagħhom	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Diretturi (Servizzi Korporattivi) u kwalunkwe uffiċjali pubbliċi oħra fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-immaniġġjar tan-nies, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'Ministeru	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; (b) uffiċjali pubbliċi oħra fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tas-Segretarju Permanenti	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju 4 jew ogħla li huma responsabbli għall-ġestjoni tal-immaniġġjar tan-nies, is-servizzi korporattivi jew amministrazzjoni f'dipartiment	(a) uffiċjali pubbliċi fid-direttorati jew uffiċċji tagħhom; u (b) uffiċjali pubbliċi oħra fid-dipartiment tagħhom	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Direttur responsabbli mill-Kunsilli Lokali	(a) uffiċjali pubbliċi fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali; u (b) uffiċjali pubbliċi assenjati ma' Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Avukat tal-Istat	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti rilevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Avukat tal-Istat.
Avukat Ġenerali	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti rilevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Avukat Ġenerali.
Awditur Ġenerali	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika	Setgħat ta' Kap tad-Dipartiment fir-rigward ta' uffiċjali pubbliċi fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika m'għandhomx ikunu eżerċitabbli mis-Segretarju Permanenti rilevanti jew xi uffiċjal jew awtorità oħra minbarra l-Awditur Ġenerali.
Kmandant, Forzi Armati ta' Malta	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Forzi Armati ta' Malta	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kapijiet Eżekuttivi, jew persuni f'kapaċità ekwivalenti, ta' aġenziji tal-Gvern, entitajiet tal-Gvern, jew korpi pubbliċi oħra minbarra Kunsilli Lokali u entitajiet oħra tal-gvern lokali, minbarra dawk il-Kapijiet Eżekuttivi mniżżla xi mkien ieħor f'din l-Iskeda	Uffiċjali pubbliċi assenjati ma' aġenziji tal-Gvern, entitajiet, u organizzazzjonijet pubbliċi oħra, minbarra Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet lokali oħra	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi. Dawn l-istruzzjonijiet jistgħu jirrikjedu lil Kap Eżekuttiv, jew persuna f'kapaċità ekwivalenti li żżomm lis-Segretarju Permanenti infurmat bil-proċeduri dixxiplinarji istitwiti minnu kontra uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Kap Eżekuttiv, Kura Primarja tas-Saħħa	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fil-qasam tas-saħħa primarja	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Sptar Mater Dei	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Mater Dei	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap tal-Operat, Sptar Mater Dei	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Mater Dei	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Sptar Monte Carmeli	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Monte Carmeli	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap tal-Operat, Sptar Monte Carmeli	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Monte Carmeli	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Direttur Maniġerjali (Sourcing & Supply Chain Management), Ċentru tax-Xiri u Proviżjoni għas-Saħħa	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fiċ-Ċentru tax-Xiri u Proviżjoni għas-Saħħa	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Kap Eżekuttiv, Spiżerija tal-Għażla Tiegħek	Uffiċjali pubbliċi li jirrappurtaw lill-Kap Eżekuttiv, Spiżerija tal-Għażla Tiegħek	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Faċilità għall-Kura fit-Tul għal Persuni b'Dipendenza Għolja San Vinċenz	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fil-Faċilità għall-Kura fit-Tul għal Persuni b'Dipendenza Għolja San Vinċenz	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Tabib Ewlieni tal-Gvern	Uffiċali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fil-Ministeru għas-Saħħa	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Direttur għar-Riżorsi Umani, Steward Health Care Malta	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, l-Isptar San Luqa u l-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karin Grech	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap (Operat), Servizzi ta' Detenzjoni	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fis-Servizzi ta' Detenzjoni	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kmandant, Akkademja tal-Forzi Dixxiplinari	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinari	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

Uffiċjal jew awtorità	*Qasam tal-ġuriżdizzjoni*	*Dispożizzjonijiet speċjali*
Kummissjarju għar-Refuġjati	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Uffiċċju tal-Kummissjarju għar-Refuġjati inkluż id-Dublin Unit	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Manager (Riżorsi Umani), Environmental Landscapes Consortium Limited	Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Environmental Landscapes Consortium Limited	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Direttur tal-Operat, Campo Santo Ltd	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fil-Campo Santo Ltd	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.
Kap Eżekuttiv, Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati	Uffiċjali pubbliċi li jaqdu dmirijiet fl-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati	Salv għal struzzjonijiet li jistgħu jiġu maħruġa mis-Segretarju Permanenti responsabbli, fil-parametri ta' din l-Iskeda, li jagħtu lil kwalunkwe uffiċjal wieħed is-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kategoriji partikolari ta' uffiċjali pubbliċi.

SCHEDULE TO THE INSTRUMENT OF DELEGATION

The public officers and other authorities listed hereunder shall have the power to exercise disciplinary control, in terms of the Disciplinary Procedure in the Public Service Commission Disciplinary Regulations (S.L.Const.03) and the Instrument of Delegation of which this Schedule forms part, without reference to the Public Service Commission, over public officers within their areas of jurisdiction, and subject to the special provisions applicable thereto:

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Principal Permanent Secretary	In the capacity of Head of the Public Service: (a) public officers in his own office; (b) Permanent Secretaries, Heads of Department, Directors General and Directors, as provided for by regulation 8 of S.L.Const.03; (c) public officers in salary scale2; (d) public officers in any office or establishment which does not form part of a ministry or department of Government, as provided for by regulation 9 of S.L.Const.03. In the capacity of Permanent Secretary, Office of the Prime Minister, under article 14(6) of the Public Administration Act: (a) other public officers in the Office of the Prime Minister and its subordinate departments; (b) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the Prime Minister; (c) public officers formerly belonging to the Office of the Prime Minister or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (d) public officers in the secretariat of the Prime Minister and any Parliamentary Secretaries reporting to the Prime Minister.	The Principal Permanent Secretary may assign jurisdiction over any categories of public officers in the Office of the Prime Minister, its subordinate departments, and entities falling thereunder, to any Permanent Secretaries who are appointed to assist him in accordance with the proviso to article 14(6) of the Public Administration Act.
Secretary to the Cabinet	Public officers in the Cabinet Office.	
Permanent Secretaries	(a) Public officers in their own offices; (b) other public officers in their ministry and its subordinate departments; (c) public officers assigned to government agencies, entities, and other public bodies under the responsibility of the ministry; (d) public officers formerly belonging to the ministry or its subordinate departments who have been assigned to a non-Government body; and (e) public officers in the secretariat of the Minister and any Parliamentary Secretaries in the ministry.	

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Commissioner of Police	Police officers and any other public officers assigned to the Malta Police Force.	Powers of Head of Department with respect to police officers shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Commissioner of Police. Delegated authority shall be exercised by the Commissioner in accordance with the relevant provisions of the Police Act (Cap. 164).
Chief Executive Officer, Police Department	Public Officers (Civilians) performing duties in the Police Department.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Directors General, Directors, and other public officers in salary scale 4 or higher, save those listed elsewhere in this Schedule	Public officers in their divisions, departments, directorates or offices.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Directors (Corporate Services) and any other public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for people management, corporate services or administration across a ministry	(a) Public officers in their own directorates or offices; (b) other public officers within the area of jurisdiction of the Permanent Secretary.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Public officers in salary scale 4 or higher who are responsible for people management, corporate services or administration across a department	(a) Public officers in their own directorates or offices; and (b) other public officers in their department.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Director responsible for Local Councils	(a) Public officers in the Local Government Department; and (b) Public officers assigned to Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
State Advocate	Public officers assigned to the Office of the State Advocate	Powers of Head of Department with respect to public officers in the Office of the State Advocate shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the State Advocate.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Attorney General	Public officers assigned to the Office of the Attorney General.	Powers of Head of Department with respect to public officers in the Office of the Attorney General shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Attorney General.
Auditor General	Public officers assigned to the National Audit Office.	Powers of Head of Department with respect to public officers in the National Audit Office shall not be exercisable by the relevant Permanent Secretary or any other officer or authority save the Auditor General.
Commander, Armed Forces of Malta	Public officers assigned to the Armed Forces of Malta.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officers, or persons functioning in an equivalent capacity, of government agencies, government entities, or other public bodies other than Local Councils and other local government bodies, save those Chief Executive Officers listed elsewhere in this Schedule	Public officers assigned to the government agency or entity or other public body, other than Local Councils and other local government bodies.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers. Such instructions may require any Chief Executive Officer or person functioning in an equivalent capacity to keep the Permanent Secretary informed of disciplinary proceedings instituted by him against public officers.
Chief Executive Officer, Primary Health Care	Public officers performing duties in the field of primary health.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Mater Dei Hospital	Public officers performing duties at Mater Dei Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Operations Officer, Mater Dei Hospital	Public officers performing duties at Mater Dei Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Chief Executive Officer, Mount Carmel Hospital	Public officers performing duties at Mount Carmel Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Operations Officer, Mount Carmel Hospital	Public Officers performing duties at Mount Carmel Hospital	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Managing Director (Sourcing & Supply Chain Management), Central Procurement Supplies Unit	Public officers performing duties in the Central Procurement Supplies Unit.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Pharmacy of Your Choice	Public officers reporting to the Chief Executive Officer, Pharmacy of Your Choice.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, St Vincent de Paul Long-Term Care Facility for Highly Dependent Persons	Public officers performing duties at St Vincent de Paul Long-Term Care Facility for Highly Dependent Persons.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Medical Officer	Public officers within the Ministry for Health.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Director of Human Resources, Steward Health Care Malta	Public officers performing duties at Gozo General Hospital, St. Luke's Hospital and Karen Grech Rehabilitation Hospital.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Officer or authority	*Area of jurisdiction*	*Special provisions*
Head (Operations) Detention Services	Public Officers performing duties at Detention Services.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Commandant, Academy for Disciplined Forces	Public Officers performing duties in the Academy for Disciplined Forces.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Refugee Commissioner	Public officers performing duties in the Office of the Refugee Commissioner including the Dublin Unit.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Correctional Services Agency	Public officers assigned to Correctional Services Agency.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Human Resource Manager, Environmental Landscapes Consortium Limited	Public officers assigned to Environmental Landscapes Consortium Limited.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Director Operations, Campo Santo Ltd.	Public officers assigned to Campo Santo Ltd.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.
Chief Executive Officer, Courts Services Agency	Public officers assigned to the Court Services Agency.	Subject to any instructions which may be issued by the responsible Permanent Secretary, within the parameters of this Schedule, vesting in any one officer power to exercise disciplinary control over particular categories of public officers.

Nru. 212

ORDNI TAL-PRIM MINISTRU SKONT L-ARTIKLU 4(1) TAL-ATT DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIŻJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Ordni li Tistabbilixxi Panels tat-Tribunal (Kap. 551)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Prim Ministru għamel l-Ordni li ġejja biex jistabbilixxi panels tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

1. B'din l-Ordni qiegħed jiġi stabbilit panel, li jkun magħruf bħala "Panel E" tat-Tribunal, liema panel għandu jiġi assenjat il-kategoriji ta' każijiet li ġejjin:

Panel E tat-Tribunal għandu jisma' u jiddeċiedi:

(i) kull appell magħmul minn kull persuna aggravata b'avviż maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IX tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, kif jipprovdi l-Artikolu 11(1)(c)(i) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

(ii) kull appell magħmul minn kull persuna aggravata minn xi ordni notifikat lilha skont l-artikolu 76 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, kif jipprovdi l-Artikolu 48 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

(iii) kull petizzjoni mressqa quddiem it-Tribunal skont ir-regolament 5 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.24.

L-appelli u l-petizzjonijiet kollha li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-każijiet fuq imsemmija li fid-data, jew qabel id-data ta' din l-Ordni, ġew imressqa u llum jinsabu pendenti quddiem it-Tribunal, għandhom minn issa 'l quddiem jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Panel E tat-Tribunal, flimkien ma' kull petizzjoni jew appell ieħor ġdid, li jaqa' taħt l-imsemmija kategoriji ta' każijiet, imressaq fid-data jew wara d-data ta' din l-ordni.

2. Dawk il-kategoriji ta' każijiet li ma jaqgħux taħt il-kategoriji ta' każijiet assenjati lill-Panel E tat-Tribunal għandhom minn issa 'l quddiem jinstemgħu u jiġu deċiżi minn panel ieħor tat-Tribunal stabbilit b'din l-ordni li jkun magħruf bhala "Panel P" tat-Tribunal.

Dawk l-appelli li jaqgħu taht il-kategoriji ta' każijiet fuq imsemmija, jiġifieri l-kategoriji ta' każijiet imsemmija fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar barra dawk assenjati lil panel E, illi fid-data, jew qabel id-data ta' din l-ordni ġew imressqa u llum jinsabu pendenti

No. 212

ORDER OF THE PRIME MINISTER IN TERMS OF ARTICLE 4(1) OF THE ENVIRONMENT AND PLANNING TRIBUNAL ACT

Order Establishing Panels of the Tribunal (Cap. 551)

BY virtue of the powers conferred by article 4(1) Environment and Planning Tribunal Act, Chapter 551 of the Laws of Malta, the Prime Minister has made the following Order to establish panels of the Environment and Planning Review Tribunal.

1. A panel, which shall be known as "Panel E" of the Tribunal, is being established by this order, which panel shall be assigned with the following categories of cases:

Panel E of the Tribunal shall hear and determine:

(i) all appeals made by any person aggrieved by a notice issued under the provisions of Part IX of the Development Planning Act, as per article 11(1)(c)(i) of the Environment and Planning Tribunal Act;

(ii) all appeals made by any person who feels aggrieved by an order served on him in accordance with article 76 of the Environment Protection Act, as per article 48 of the Environment and Planning Tribunal Act;

(iii) all petitions lodged before the Tribunal in terms of regulation 5 of subsidiary legislation 552.24.

All appeals and petitions falling under the above categories of cases which on the date, or prior to the date of this order have been lodged and are currently pending before the Tribunal shall now be heard and determined by Panel E of the Tribunal, together with all other new petitions and appeals, falling under the said categories of cases, filed on or after the date of this order.

2. Those categories of cases which do not fall under the categories of cases assigned to Panel E of the Tribunal shall now be heard and determined by another panel of the Tribunal established by this order known as "Panel P" of the Tribunal.

Those appeals falling under the above categories of cases, that is the categories of cases mentioned in the Environment and Planning Tribunal Act other than those assigned to panel E, which on the date, or prior to the date of this order have been lodged and are currently pending before the Tribunal

quddiem it-Tribunal, għandhom minn issa 'l quddiem jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Panel P tat-Tribunal, flimkien ma' kull appell ieħor ġdid, li jaqa' taħt l-imsemmija kategoriji ta' każijiet, imressqa fid-data jew wara d-data ta' din l-ordni.

3. Il-panels tal-membri supplimentari tat-Tribunal, minn issa 'l quddiem magħrufa bħala "Panel/s S", għandhom jibqgħu jżommu l-istess kompożizzjoni u jkomplu jeżerċitaw l-istess funzjonijiet.

Il-persuni maħtura fuq it-Tribunal qed jiġu assenjati fil-Panels stabbiliti kif ġej:

Panel P:

Chairperson
Dott. Joseph Borg

Membri
Dott. Abigail Bugeja
Perit Robert Sarsero

Panel E:

Chairperson
Dott. Simon Micallef Stafrace

Membri:
Dott. Ramona Attard
Perit Ludovico Micallef

Membri Supplimentari:
Dott. Carlos Bugeja
Perit Roderick Spiteri
Perit Alessandra Fiott
Dott. Andy Ellul

It-28 ta' Frar, 2020

Nru. 213

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. III tal-2020 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Kriminali; u

Att Nru. IV tal-2020 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż.

It-28 ta' Frar, 2020

shall now be heard and determined by Panel P of the Tribunal, together with all other new appeals, falling under the said categories of cases, filed on or after the date of this order.

3. The panels of supplementary members of the Tribunal, which shall now be known as "Panel/s S", shall remain as currently composed and continue to exercise the same functions.

The persons appointed on the Tribunal are being assigned to the established Panels as follows:

Panel P:

Chairperson
Dr Joseph Borg

Members
Dr Abigail Bugeja
Perit Robert Sarsero

Panel E:

Chairperson:
Dr Simon Micallef Stafrace

Members:
Dr Ramona Attard
Perit Ludovico Micallef

Supplementary Members:
Dr Carlos Bugeja
Perit Roderick Spiteri
Perit Alessandra Fiott
Dr Andy Ellul

28th February, 2020

No. 213

PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. III of 2020 entitled the Criminal Code (Amendment) Act, 2020; and

Act No. IV of 2020 entitled the Dangerous Drugs Ordinance (Amendment) Act, 2020.

28th February, 2020

Nru. 214

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 116 imsejjaħ l-Att tal-2020 dwar l-Artiġjanat Malti; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 117 imsejjaħ l-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

It-28 ta' Frar, 2020

No. 214

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 116 entitled the Malta Crafts Act, 2020; and

Bill No. 117 entitled the Criminal Code (Amendment No. 2) Act, 2020.

28th February, 2020

Nru. 215

BORD TAD-DIRETTURI TA' WASTESERV (MALTA) LTD

IKUN magħruf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva l-ħatra tal-persuni li ġejjin sabiex iservu fuq il-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Wasteserv (Malta) Ltd għal perjodu ta' sena b'seħħ mis-27 ta' Frar, 2020.

Chairperson
Il-Prof. Frank Bezzina

Membri
Is-Sur Colin Borg
Is-Sur Carlos Bugeja
Is-Sa Maria Brown
Is-Sa Dorita Maniscalco
Is-Sa Kirsten Ancilleri
Is-Sur Joseph Theuma

Segretarju
Is-Sur Tonio Montesin

It-28 ta' Frar, 2020

No. 215

BOARD OF DIRECTORS OF WASTESERV (MALTA) LTD

IT is notified for general information that the Minister for the Environment, Climate Change and Planning has approved the appointment of the following persons to serve on the Board of Directors of Wasteserv (Malta) Ltd for a period of one year effective from the 27th February, 2020.

Chairperson
Prof. Frank Bezzina

Members
Mr Colin Borg
Mr Carlos Bugeja
Ms Maria Brown
Ms Dorita Maniscalco
Ms Kirsten Ancilleri
Mr Joseph Theuma

Secretary
Mr Tonio Montesin

28th February, 2020

Nru. 216

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR SERVIZZI GĦALL-KURA TAS-SAĦĦA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Denis Vella Baldacchino	Aġent Direttur Servizzi għall-Kura tas-Saħħa *Acting Director* *Health Care Services*	Saħħa *Health*	7 - 10.03.2020

It-28 ta' Frar, 2020

No. 216

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR HEALTH CARE SERVICES

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

28th February, 2020

Nru. 217

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kummissjoni tal-Ippjanar

SKONT l-Artikolu 65 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar ikkonferma l-ħatra tal-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Kummissjoni tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar:

Chairpersons
Is-Sur Martin Camilleri
Is-Sur Simon Saliba
Is-Sa Elizabeth Ellul

Membri
Is-Sur Frank Ivan Caruana Catania
Is-Sur Anthony Borg
Is-Sur Anthony Camilleri
Is-Sur Claude Mallia
Is-Sa Stephania Baldacchino

Membri Supplimentari
Is-Sur Carmel Caruana
Is-Sa Mireille Fsadni
Is-Sur Charles F. Grech

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2018.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th February, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

295

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-20 ta' Frar, 2020, fuq rikors ta' Farrugia Jesmond (KI 507171M) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.), għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-

By decree given by the Civil Court First Hall on 20th February, 2020, on the application of Farrugia Jesmond (ID 507171M), Tuesday, 5th May, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Archives, Level -1 Courts

Ġustizzja Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Proprjetà waħda ta' porzjon art b'żewġ irziezet fuqha mingħajr numru, waħda magħrufa bħala 'Farmhouse tar-Riħ', u l-oħra bħala 'Catherine's Domain', f'Tar-Riħ f'territorju magħruf bħala Tal-Madliena, fil-parti magħrufa bħala l-Munxar, Ta' Gidem, u Ta' Newma, limiti ta' Ħad-Dingli, fin-Nofsinhar konfinanti ma' Triq l-Irdum, ġja Dingli Cliffs Road, fil-Lvant parti ma' proprjetà tal-Gvern ta' Malta u parti ma' proprjetà tal-eredi tan-Nutar Joseph Felix Abela, illum mejjet u oħrajn, u fil-Majjistral ma' triq pubblika a bażi tal-prezz ta' żewġ miljun u tliet mitt elf ewro (€2,300,000) skont is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2017, mil-Imħallef Onor. Joseph Azzopardi, Rikors numru1091/12.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Ellul Giuseppa (KI 675537M) u Farrugia Jesmond (KI 507171M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 24/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum Il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Property which includes a portion of land occupied by two farms without number, one known as 'Farmhouse tar-Riħ' and the other known as 'Catherine's Domain', in Tar-Riħ in territory known as Tal-Madliena, in the part known as Il-Munxar, Ta' Gidem, and Ta' Newma limits of Ħad-Dingli, bounded on the South by Triq l-Irdum formely known as Dingli Cliffs Road, on the East in part by property of the Government of Malta and in part by property of the heirs of the late Notary Joseph Felix Abela and others, on the West by a public road for the price of two million and three hundred thousand euro (€2,300,000) as said in the judgement given on the 27th October, 2017, by Judge Hon. Joseph Azzopardi, Application number 1091/12.

The said tenement is the property of Ellul Giuseppa (ID 675537M) and Farrugia Jesmond (ID 507171M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales file number 24/2018.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th February, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

296

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fis-26 ta' Frar, 2020, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C 2833) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 15 ta' Ġunju, 2020, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.), għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Garaxx bla numru, jismu 'Elia', fi Triq il-Kanun, Ħal Qormi drabi oħra indikat bħala Santa Venera. L-imsemmi garaxx jikkonfina mil-Lvant ma' Triq il-Kanun, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Emanuel Galea, u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Carmelo Dingli jew is-suċċessuri tiegħu u huwa soġġett għas-subċens annwu u perpetwu ta' wieħed u erbgħin ewro u ħames ċenteżmi (€41.05) li jitħallas direttament lis-subdirettarji, pagabbli kull sena bil-quddiem, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, tale quale u bil-pussess vakanti stmat li jiswa mitejn ħamsa u tletin elf ewro (€235,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Merger Enterprises Limited (C 7066).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 32/2016.

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 26th February, 2020, on the application of Bank of Valletta plc (C 2833) Thursday, 15th June, 2020, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

Unnumbered garage named 'Elia' in Triq il-Kanun, Ħal Qormi other times referred to as Santa Venera. The said garage is bounded on East by Triq il-Kanun, North by property of Emanuel Galea and on the South by property of Carmelo Dingli or his successors in title and subject to annual and sub perpetual ground rent of forty-one euro and five cents (€41.05) payable directly to the subdirectors, payable annually in advance, free and unencumbered with all its right and appurtenances, tale quale and with vacant possession valued at two hundred and thirty-five thousand euro (€235,000).

The said tenement is the property of Merger Enterprises Limited (C 7066).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 32/2016.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th February, 2020

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

297

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FDP) fil-5 ta' Frar, 2020, fl-atti tal-Kontromandat fl-ismijiet Rachelle Buttigieg vs Paul Berman, bin Henry (KI 14553A) u martu Colette Berman, bint Raymond Cassar Torregiani (KI 294959M) fit-23 ta' Diċembru, 2019, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' kontro-parti Rachelle Buttigieg, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court (FDP) on the 5th February, 2020, in the records of the Counter-Warrant in the names Rachelle Buttigieg vs Paul Berman, son of Henry (ID 14553A) and his wife Colette Berman, daughter of Raymond Cassar Torregiani (ID 294959M) on the 23rd December, 2019, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Rachelle Buttigieg, in terms oF Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 3229/00 maħruġ fit-13 ta' Settembru, 2000, fl-ismijiet Rachelle Buttigieg vs Paul Berman, bin Henry Idro (KI 14553A) u martu Colette Berman, bint Raymond Cassar Torregiani (KI 294959M) fit-23 ta' Diċembru, 2019, ir-rikorrenti Paul Berman (KI 14553A) u Colette Berman (KI 294959M) talbu bil-qima:

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, following the Garnishee Order Number 1772/2019, issued on the 29th September, 2000, in the names Rachelle Buttigieg vs Paul Berman, son of Henry Idro (ID 14553A) and his wife Colette Berman, daughter of Raymond Cassar Torregiani (ID 294959M), on the 23rd December, 2019, the applicant Paul Berman (ID 14553A) and Colette Berman (ID 294959M) respectfully asked:

Illi din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ tal-opportun kontromandat għar-raġuni infraskritta.

That this Honourable Court order the issuing of the opportune counter-warrant for the undermentioned reason.

Raġuni: Il-Mandat kawtelatorju fuq imsemmi ma għandhux jibqa' fis-seħħ stante li t-talbiet kollha tas-sekwestrant imressqa minnha fil-kawża relattiva fl-ismijiet Rachelle Buttigieg vs Paul u Colette konjugi Berman (Ċit. Numru 849/00/LSO) ġew miċħuda permezz ta' sentenza relattiva mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Marzu, 2014, u minkejja li s-sekwestrant intavolat appell minn tali sentenza sabiex kemm jista' jkun tkompli tivvessa lill-esponenti l-appell relattiv ġie dikjarat deżert fl-10 ta' Diċembru, 2019, u għalhekk is-sentenza preċitata (li permezz tagħha t-talbiet attriċi Rachelle Buttigieg ġew miċħuda) tikkostitwixxi res judicata.

Reason: The Precautionary Warrant abovementioned is not to remain in force since all the demands of the creditor brought forward in the relative cause in the names Rachelle Buttigieg vs Paul and Colette spouses Berman (Writ of Summons Number 849/00 /LSO) were rejected by means of the relative judgement given by this Honourable Court on the 27th March, 2014, and despite that the creditor filed an appeal from the said judgement in order to continue to harass the interpellant the relative appeal was declared deserted on the 10th December, 2019, and thus the abovementioned judgement (in virtue of which the demands of the plaintiff Rachelle Buttigieg were rejected) constitues res judicata.

Numru 28

Kontromandat

Repubblika ta' Malta
Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Number 28

Counter-Warrant

Republic of Malta
Court Warrant

To the Court Marshall

Billi wara l-eżekuzzjoni tal-mandat li għalih jirreferi r-rikors ta' hawn fuq hemm raġunijiet skont il-liġi għala l-istess mandat m'għandux jibqa' jseħħ.

Whereas following the execution of the warrant to which the above application refers there are sufficient reasons according to law why the said warrant is not to remain in force.

Mogħti mill-Qorti hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Francesco Depasquale LLM (IMLI) LLD.

Qorti Ċivili Prim'Awla

Fl-atti tal-Kontromandat Numru 1773/2019 fl-ismijiet

Rachelle Buttigieg

vs

Paul Berman

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors,

Tordna n-notifika b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Illum 24 ta' Diċembru, 2019

Notifiki:
HSBC Bank Malta plc, 80, Mill Street, Ħal Qormi
Bank of Valletta plc, 58, Triq Żakkarija, Il-Belt Valletta
APS Bank Ltd, 17, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
Lombard Bank Malta plc, 67, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Notifika: Rachelle Buttigieg, 124, Flat 2, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Illum 27 ta' Frar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Court abovementioned with the witness of the Civil Court First Hall with the witness of the Hon. Mr Justice Francesco Depasquale LLM (IMLI) LLD.

Civil Court First Hall

In the records of the Counter-Warrant Number 1773/2019 in the names

Rachelle Buttigieg

vs

Raul Berman

The Court,

Saw the Application,

Orders the service with one week to file a reply.

Today 24th December, 2019

Services:
HSBC Bank Malta plc, 80, Mill Street, Ħal Qormi
Bank of Valletta plc, 58, Triq Żakkarija, Valletta
APS Bank Ltd, 17, Triq ir-Repubblika, Valletta
Lombard Bank Malta plc, 67, Triq ir-Repubblika, Valletta

Notify: Rachelle Buttigieg, 124, Flat 2, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts, today 17th February, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

298

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Novembru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Andre Agius.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu, 2019, fl-atti tal-ittra uffiċjali ai termini tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 851/2019 fl-ismijiet J. Zammit Limited (C 37945) vs Andre Agius (KI 386076M) u Caroline Agius (KI 110180M), fejn Caroline Agius (KI 110180M) esponiet bir-rispett:

Illi fil-31 ta' Lulju, 2019, l-esponenti ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali intavolata mis-soċjetà rikorrenti li permezz

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 27th November, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of effecting service on Andre Agius in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application filed on the 12th August, 2019, in the records of judicial letter in terms of Article 253(e) u 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta with number 851/2019 in the names J. Zammit Limited (C 37945) vs Andre Agius (ID 386076M) and Caroline Agius (ID 110180M), whereby Caroline Agius (ID 110180M) respectfully pleaded:

That on the 31st July, 2019, the applicant was notified by means of a judicial letter filed by the applicant company by

tagħha l-esponenti ġiet interpellata sabiex immedjatament tħallas flimkien mal-eks żewġha s-somma ta' €9,711.52 import ta' 29 kambjali annessi mal-istess ittra uffiċjali.

Illi l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha mid-dritt mogħti lilha ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Liġijiet ta' Malta sabiex topponi għall-eżekuzzjoni tal-kambjali mertu tal-istess ittra uffiċjali.

Illi jeżistu raġunijiet validi sabiex l-esponenti topponi għall-eżekuzzjoni tal-kambjali.

Illi l-ammont ta' €9,711.52 fl-intier huwa dovut mill-intimat l-ieħor l-eks raġel tar-rikorrenti li minnu hija legalment separata u li skont il-kuntratt ta' separazzjoni dan id-debitu ġie assenjat u aċċettat minnu Dok. CA1; jirriżulta ampjament li sakemm il-partijiet kienu miżżewġin, il-pagamenti kienu qed isiru regolarment mill-esponenti; inoltre l-esponenti dejjem kienet qed tiġi assigurata li l-intimat l-ieħor kien qiegħed iħallas regolarment u kemm-il darba huwa ser iressaq prova f'dan is-sens ikun hemm arrikkiment inġunt jekk dawn il-kambjali jiġu esegwiti.

Illi għalhekk in forza tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti qiegħda topponi bl-akbar qawwa u għal kull fini u effett tal-liġi l-eżekuzzjoni tentata mis-soċjetà J. Zammit Limited tal-kambjali fuq imsemmija ma tistax tiġi reża esegwibbli kontra r-rikorrenti ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant in vista tal-premess, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali kollha mertu tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna li jiġi notifikat lill-kontroparti li għandha żmien għoxrin (20) ġurnata biex twieġeb, u

Tappunta r-rikors (Rikors Numru 173/19RM) fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Andre Agius et għas-smigħ għal nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2019, fid-9.00 a.m. u li jinsab differit għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020, fid-9.15 a.m.

Esponenti: The Pines, Triq is-Sajf ta' San Martin, Ir-Rabat

means of which the applicant was solicited to immediately pay together with her ex-husband the sum of €9,711.52 representing the value of 29 bills of exchange here attached with the same judicial letter.

The applicant is availing herself of the option given to her in terms of Article 253(e) of the Laws of Malta to oppose the execution of the bills of exchange of the same judicial letter.

There exist valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange.

The whole amount of €9,711.52 is due by the other respondent her ex-husband from whom she is legally separated and according to the deed of separation, this debt was assigned and accepted by him Doc. CA1; it fully results that until the time the parties were married the payments were paid regularly by the applicant; in addition, the applicant was always being ensured that the other respondent was paying regularly and if he produces evidence to this effect, it would result that there would be a case of unjustified enrichment if these bills of exchange are enforced.

Accordingly, on the basis of article 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta the applicant is forcefully opposing the attempt by J. Zammit Limited to enforce the bills of exchange aforementioned and this for all the effects and purposes at law since the said bills of exchange cannot be rendered enforceable against the applicant in terms of article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Thus in view of the above, the applicant humbly requests this Honourable Court to suspend the execution of all the bills of exchange of this judicial letter in the names above mentioned and under the terms and conditions that this Honourable Court deems fit and opportune.

The Court,

Saw the applicantion,

Orders that it be notified to the couterparties that have twenty (20) days for a reply, and

Appoints the application (Notice Number 173/19RM) in the names J. Zammit Limited vs Andre Agius et for hearing for Tuesday, 15th October, 2019, at 9.00 a.m. which hearing was postponed to Thursday, 5th March, 2020, at 9.15 a.m..

Applicant: The Pines, Triq is-Sajf ta' San Martin, Rabat

Notifika intimat: Andre Agius, 52, Triq Inguanez, Ir-Rabat

J. Zammit Ltd, Triq Valletta, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Service respondent: Andre Agius, 52, Triq Inguanez, Rabat

J. Zammit Ltd, Triq Valletta, Ħal Qormi

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

299

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tad-29 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) ta' Skyparks Business Centre, Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Ġunju, 2019, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mason Nehls (KI 416593M) ta' 13, Carmdor, Triq it-Tiben, Marsaskala, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €654.25 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 159/2019PM) hija differita għall-5 ta' Marzu, 2020, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 29th October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000 filed a Claim on the 24th June, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Mason Nehls (ID 416593M) of 13, Carmdor, Triq it-Tiben, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of €654.25 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 159/2019PM) is put off on the 5th March, 2020, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

300

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-4 ta' Novembru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) ta' Skyparks Business Centre, Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Ġunju, 2019, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil John Mifsud (KI 140675M) ta' 29, Linda Garage, Triq l-Ispnott, Ix-Xgħajra, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,270.16 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 4th November, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C 10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000 filed a Claim on the 24th June, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn John Mifsud (ID 140675M) of 29, Linda Garage, Triq l-Ispnott, Xgħajra, to pay the plaintiff company the sum of €2,270.16 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

Il-kawża (Avviż Nru 144/2019PM) hija differita għall-5 ta' Marzu, 2020, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The case (Claim Number 144/2019PM) is put off on the 5th March, 2020, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

301

Avviż mir-Reġistru tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Billi Zahra Borg Loumri (KI 360200L) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 162/2020 JVC) fejn giet mitluba l-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid Nru: 3602/2000 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum, 27 ta' Frar, 2020

KAREN FALZON
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice Registry of the Civil Court, First Hall

Whereas Zahra Borg Loumri (ID 360200L) filed an application under oath (No. 162/2020 JVC) demanding the correction of the Act of Birth No. 3602/2000 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, today 27th of February, 2020

KAREN FALZON
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

302

B'digriet tal-10 ta' Frar, 2020, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'Rikors ippreżentat minn Carmelo sive Charles Barbara (KI 533943M) fis-7 ta' Novembru, 2019, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' €47,218.89 minn Carmelo sive Charles Barbara b'ċedoli ta' depożiti numru 1811/2017, 1944/2017, 253/2018, 64/2019, 98/2019 fl-ismijiet:

Cambio Stile Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 51755 vs Carmelo sive Charles Barbara (KI 533943M)

Il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors b'għaxart (10) ijiem żmien għar-risposta.

By a decree given on the 10th February, 2020, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Carmelo sive Charles Barbara (ID 533943M) on the 7th of November, 2019, is asking for the withdrawal of €47,218.89 by Carmelo sive Charles Barbara by schedule of deposits number 1811/2017, 1944/2017, 253/2018, 64/2019 and 98/2019 in the names of:

Cambio Stile Limited with the registration number C 51755 vs Carmelo sive Charles Barbara (ID 533943M)

The Court ordered the notification of the application with a ten (10) day period to reply.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Frar, 2020

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today Thursday, 27th February, 2020

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

303

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2019, fl-atti tal-kontroprotest ġudizzjarju numru 259/19, fl-ismijiet Direttur Ġenerali tas-Saħħa et vs Alina Ionela Stanca et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Alina Ionela Stanca u Dejan Gavrilovic a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

By means of a decree of the 9th October, 2019, in the records of the judicial counter-protest number 259/19 in the names Director General for the Department of Health Services et vs Alina Ionela Stanca et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Alina Ionela Stanca and Dejan Gavrilovic in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Fl-atti tal-Protest Nru 242/19

In the acts of the Protest number 242/19

Lil Alina Ionela Stanca (KI Rumena RK 292782), Xemxija Park Blokk C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Dejan Gavrilovic (passaport Serb 013784501), Xemxija Park Blokk C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

To Alina Ionela Stanca (Romanian ID RK 292782), Xemxija Park Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Dejan Gavrilovic (Serbian passport 013784501), Xemxija Park Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Kontroprotest tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartment tas-Servizzi tas-Saħħa, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, id-Deputat Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei, Chief Medical Officer, Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa), Direttur (Nursing Services) u l-Avukat Ġenerali fejn permezz tal-preżenti jesponu bir-rispett:

Counter-protest of the Director General for the Department of Health Services, the Chief Government Medical Officer, Deputy Prime Minister and the Honourable Minister for Health, Permanent Secretary in the Ministry for Health, Chief Executive Mater Dei Hospital, Chief Medical Officer, Director General (Health Services), Director (Nursing Services) and the Attorney General who respectfully sumbit:

Li permezz tal-preżenti d-Direttur Ġenerali tad-Dipartment tas-Servizzi tas-Saħħa, it-Tabib Prinċipali tal-Gvern, id-Deputat Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa, Kap Eżekuttiv Sptar Mater Dei, Chief Medical Officer, Direttur Ġenerali (Servizzi tas-Saħħa), Direttur (Nursing Serivices) u l-Avukat Ġenerali jagħmlu referenza għall-protest ġudizzjarju tagħkom li jġib in-numru 242/19 preżentat nhar is-17 ta' Ġunju, 2019, u jinfurmawk illi huma qegħdin jirrispinġu kull allegazzjoni kif vantati minnkom bħala infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tagħhom.

That by means of this present Director General for the Department of Health Services, the Chief Government Medical Officer, Deputy Prime Minister and the Honourable Minister for Health, Permanent Secretary in the Ministry for Health, Chief Executive Mater Dei Hospital, Chief Medical Officer, Director General (Health Services), Director (Nursing Services) and the Attorney General make reference to your judicial protest holding number 242/19, filed on the 17th June, 2019, and inform you that they are rejecting all the allegations made as vaunted by you as unfounded in fact and in law on your behalf.

Illi l-mittenti dejjem taw u kif ġara f'dan il-każ taw is-servizz rikjest minnkom fil-ħin propizju.

The interpellants always gave and as occured in this case gave the services requested by you at the appropriate time.

Illi l-mittenti jerġa' jirrileva illi s-servizz rikjest minnkom ingħata bħalma jingħata lil kulħadd mingħajr diskriminizzjoni.

The interpellant once again points out that the service requested by you was given as given to everybody without discrimination.

Rikorrenti:

Applicants:

Dipartiment tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
L-Isptar Mater Dei, Tal-Qroqq, L-Imsida MSD 2090
L-Avukat Ġenerali, Pjazza San Ġorġ, Il-Belt Valletta

Notifika:
Alina Ionela Stanca (KI Rumena RK 292782), Xemxija Park Blokk C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Dejan Gavrilovic (passaport Serb 013784501), Xemxija Park Blokk C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Frar, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Department of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta
Mater Dei Hospital Tal-Qroqq, Msida MSD 2090
Attorney General, Pjazza San Ġorġ, Valletta

Notification:
Alina Ionela Stanca (Romanian ID RK 292782), Xemxija Park Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Dejan Gavrilovic (Serbian passport 013784501), Xemxija Park Block C, Flat 6, Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar

Registry of the Superior Courts, today 27th February, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

304

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Attard Ivan et, Rikors Numru 88/2012, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Noemi Attard, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Ċitazzjoni Numru 88/2012, fl-ismijiet Is-soċjetà J.T.E. LImited (C 15382) vs i. Ivan Attard, ii. Noemi Attard iii. Jason Attard u iv. Frances Attard, fit-18 ta' Diċembru, 2014, is-soċjetà attriċi ppremetiet:

1. Illi permezz ta' skrittura privata tal-24 ta' Settembru, 2010, is-soċjetà J.T.E. Ltd ikkonċediet b'titolu ta' kera l-fond Conway House, Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi lill-konvenuti Ivan Attard (KI 293778M) u Noemi Attard (KI 380579M) u dan għal finijiet kummerċjali.

… omissis …

3. Illi minkejja illi fil-bidu tal-perjodu tal-kera l-konvenuti Ivan Attard u Noemi Attard kienu qed jeffettwaw b'mod regolari l-pagamenti tal-kera dovuta għall-fond hawn deskritt, il-konvenuti sussegwentement ma baqgħux regolari fil-ħlas tal-kera.

4. Illi f' Novembru 2011, il-konvenuti Ivan Attard informa lill-esponenti nomine illi huwa kien ser jittermina l-ftehim tal-kirja de quo, b'effett mit-30 ta' Marzu tas-sena kurrenti.

… omissis …

6. Illi l-konvenuti naqsu milli jirrilaxxaw il-pussess tal-fond imsemmi fit-30 ta' Marzu tas-sena kurrenti.

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 3rd February, 2020, in the records of the Application in the names J.T.E. Limited vs Attard Ivan et, Application Number 88/2012, the following publication was ordered for the notification of the respondent Noemi Attard, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 88/2012 in the names the company J.T.E. Limited (C 15382) vs i. Ivan Attard, ii. Noemi Attard, iii. Jason Attard and iv. Frances Attard, on the 18th December, 2014, the plaintiff company premised:

1. That by means of a private writing of the 24th September, 2012, the company J.T.E. Ltd granted by title of lease the premises Conway House, Triq ir-Rabat, Xlendi to the defendants Ivan Attard (ID 293778M) and Noemi Attard (ID 380579M) and this for commercial purposes.

… omissis …

3. That despite that at the beginning of the period of the lease the defendants Ivan Attard and Noemi Attard had regularly made the payments of the rent due for the premises herein described the defendants subsequently did not remain regular in the payment of the rent.

4. That in November 2011, the defendant Ivan Attard informed the interpellant nomine that he was going to terminate the lease agreement de quo, with effect from the 30th March of the current year.

… omissis …

6. That the defendants failed to release the possession of the premises mentioned on the 30th March of the current year.

… omissis …

9. Illi permezz ta' sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-13 ta' Lulju, 2012, il-konvenuti Ivan u Noemi Attard ġew ikkundannati jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €19,825.65ċ) kera għall-perjodi indikat fir-rikors.

… omissis …

12. Illi effettivament irriżulta illi l-fond imsemmi nbiegħ lill-konvenuti l-oħra Jason u Frances konjugi Attard permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April, 2012.

13. Illi dan il-bejgħ sar bi preġudizzju lampanti tad-drittijiet kreditizji tas-soċjetà attriċi.

… omissis …

16. Illi mill-premess jidher ċar illi l-aġir tal-konvenuti huwa qarrieqi u magħmul in frodi u in preġudizzju tad-drittijiet tal-kredituri ta' Ivan u Noemi Attard.

… omissis …

Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex in vista ta' dak espost:

1. Tordna li jiġi rexxiss, annullat u riżolut il-kuntratt tal-bejgħ tal-fond li jikkonsisti f'appartament internament immarkat 2, f'Tambourline Court, Triq Ġużè Bonnici, kantuniera ma' Triq il-Knisja, In-Nadur fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April, 2012, bejn Ivan u Noemi Attard u l-konvenuti Jason u Frances konjugi Attard.

… omissis …

Illi permezz tas-sentenza tat-28 ta' Novembru, 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), wara illi ppremettiet illi l-kawża odjerna hija l-azzjoni pawljana, issintesizzat il-fatti kif jirriżultawlha u rreferiet għall-ġurisprudenza dwar l-azzjoni intentata.

… omissis …

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi għal dak li jirrigwarda l-consilium fraudis u partecipatio fraudis mill-provi prodotti ma jistax jingħad li dawn l-elementi ġew ippruvati. Infatti rriżulta li għalkemm Ivan u Noemi Attard kienu konsapevoli tad-dejn li kellhom mas-soċjetà attriċi (li ma kienx għadu ġie kanonizzat), huma ppruvaw jaqtgħu kemm jistgħu mid-djun.

… omissis …

Għal dawn il-motivi l-Ewwel Onorabbli Qorti qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti

… omissis …

9. That by means of a judgement of the Rent Regulation Board of the 13th July, 2012, the defendants Ivan and Noemi Attard were condemned to pay the plaintiff company the sum of €19,825.65c) rent for the period indicated in the application.

… omissis …

12. That effectively it resulted that the premises mentioned was sold to the other defendants Jason and Frances spouses Attard, by means of a contract in the records of Notary Kristen Dimech of the 27th April, 2012.

13. That this sale was made in flagrant prejudice of the creditory rights of the plaintiff company.

… omissis …

16. That from the premised it appears clear that the defendant's behaviour is deceitful and made in fraud and prejudice of the rights of the creditors Ivan and Noemi Attard.

… omissis …

Thus the defendants are to state why this Honourable Court should not in view of that exposed:

1. Order that there be rescinded, annulled and dissolved the contract of sale of the premises which consists in an apartment internally marked 2, in Tambourline Court, Triq Ġużè Bonnici, Nadur, in the records of Notary Kristen Dimech, of the 27th April, 2012, between Ivan and Noemi Attard and the defendants Jason and Frances spouses Attard.

… omissis …

That by means of a judgement of the 28th November, 2014, the Court of Magistrates, Gozo, Superior Jurisdiction (General Jurisdiction) after premising that the present cause is the actio pauliana summarised the facts as they resulted to it and refered to jurisprudence relating to the cause brought forward.

… omissis …

That the Honourable First Court was of the opinion that as regards the consilium fraudis and partecipatio fraudis from the proof produced it cannot be stated that these elements were proved. In fact it resulted that although Ivan and Noemi Attard were aware of the debt they had with the plaintiff company (which was not yet declared) they tried to reduce the debt as much as possible.

… omissis …

For these motives the First Honourable Court decided the cause by upholding the plea of all the defendants and

kollha u ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà attriċi. Bl-ispejjeż kollha a karigu tagħha.

Illi l-aggravju hu manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

1. Illi fl-ewwel lok l-ewwel Onorabbli Qorti interpretat ħażin il-liġi u senjatament l-elementi kostituttivi tal-actio pauliana u konsegwentement applikat ħażin il-provi prodotti u waslet għal konklużjonijiet żbaljati.

… omissis …

Illi r-raġunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti huwa totalment żbaljat u l-frodi da parti tal-konvenuti Ivan u Noemi Attard jimmanifesta ruħu awtomatikament.

… omissis …

Illi ma jistax ikun illi Jason Attard jekk mhux ukoll Frances Attard ma kinux jafu bl-istat finanzjarju prekarju tad-debituri tagħhom Ivan u Noemi Attard u dan peress illi dawn tal-aħħar kienu irregolari għall-aħħar fil-ħlasijiet li kienu jwettqu kif ħareġ mill-provi illi kull ma kienu ħallsu xi €1000.

… omissis …

Illi m' hemmx dubju illi Jason Attard kien konsapevoli u illi bl-att ta' bejgħ impunjat ma kien ser jibqa' xejn fil-patrimonju tad-debituri u għalhekk illi ssellef il-flus biex jixtri l-appartament minflok ma jinxtara minn ħaddieħor.

Għal dawn ir-raġunijiet u għal oħrajn illi jistgħu jitressqu 'l quddiem u filwaqt illi tirriserva illi tippreżenta dawk il-provi illi huma permissibbli, f'dan l-istadju s-soċjetà attriċi bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fit-28 ta' Novembru, 2014, fl-ismijiet premessi u tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Permezz ta' Avviż għas-Smigħ ta' Kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri fil-25 ta' Novembru, 2019, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn is-soċjetà J.T.E. Limited vs Ivan Attard, Noemi Attard, Jason Attard u Frances Attard, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tnejn, tlettax (13) ta' Jannar, 2020, fid 9.30 a.m., u differita għat-3 ta' Frar, 2020, fid 9.00 a.m. u differita għas-16 ta' Marzu, 2020, fid-9.00 a.m.

Notifika intimata: Flat 2, Namru Flats, Triq il-Belvedere, Il-Qala, Għawdex

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 27 ta' Frar, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

rejected the demands of the plaintiff company. With all costs at their expense.

That the grievance is clear and consists of the following:

1. That in the first place the Honourable First Court badly interpreted the law and especially the constitutive elements of the actio pauliana and consequently badly applied the proof produced and reached the wrong conclusions.

… omissis …

That the reasoning of the Honourable First Court is totally mistaken and the fraud on the part of the defendants Ivan and Noemi Attard is manifest.

… omissis …

That it cannot be that Jason Attard if not also Frances Attard did not know about the precarious financial state of their debtors Ivan and Noemi Attard and this because the latter were irregular in the payments they made as resulted from the proof that what they had paid was €1000.

… omissis …

That there is no doubt that Jason Attard knew and that with the impugned deed of sale nothing was to be left in the patrimony of the debtors and for that reason he borrowed money to buy the apartment instead of it being bought by someone else.

For these reasons and others that can be brought forward later on and whilst reserving to present that proof which is permissible at this stage the plaintiff company respectfully prays that this Honourable Court revoke the judgement of the Honourable First Court on the 28th November, 2014, in the names premised and uphold the plaintiff's claims with costs against the defendants.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts on the 25th November, 2019 and whereas the procedures in writing in the cause before the Court of Appeal between the company J.T.E. LImited vs Ivan Attard, Noemi Attard, Jason Attard and Frances Attard were closed, the Court fixed the hearing of this cause for Monday, thirteenth (13) of January, 2020, at 9.30 a.m., and put off to the 3rd February, 2020, at 9.00 a.m. and put off to the 16th March, 2020, at 9.00 a.m.

Notify respondent: Flat 2, Namru Flats, Triq il-Belvedere, Qala, Gozo

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 27th February, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603